

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Lulju 2010 — Agrofert Holding vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-111/07) ⁽¹⁾

(“*Access għad-dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti rigward proċedura ta' konċentrazzjoni ta' impriżi — Rifjut ta' aċċess*”)

(2010/C 221/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Agrofert Holding a.s. (Pyšelská, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentanti: R. Pokorný u D. Šalek, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment X. Lewis u P. Costa de Oliveira, sussegwentement P. Costa de Oliveira u V. Bottka, aġenti)

Partijiet intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Ir-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: inizjalment A. Kruse u S. Johannesson, sussegwentement S. Johannesson, aġenti); Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentanti: J. Himmanen, A. Guimaraes-Purokoski, M. J. Heliskoski u M. Pere, aġenti); u Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: B. Weis Fogh, aġent)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Polski Koncern Naftowy Orlen SA (Płock, il-Polonja) (rappreżentanti: S. Sołtysiński, K. Michałowska u M. Olechowski, avukati)

Suġġett

Talba għall-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Awwissu 2006, li tirrifjuta lir-rikorrenti l-aċċess għad-dokumenti dwar il-proċedura ta' notifika u ta' notifika minn qabel tat-tranżazzjoni ta' akkwist ta' Unipetrol minn Polski Koncern Naftowy Orlen SA (COMP/M.3543) u, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni D(2007) 1360, tat-13 ta' Frar 2007, li tikkonferma dan ir-rifjut.

Dispożittiv

(1) *It-talbiet għall-annullament tar-risposta tal-Kummissjoni Ewropea tat-2 ta' Awwissu 2006 kif ukoll dawk intiżi sabiex il-Qorti Ġenerali tordnalha tikkomunika d-dokumenti mitluba huma inammissibbli.*

(2) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni D(2007) 1360, tat-13 ta' Frar 2007, li tirrifjuta l-aċċess għad-dokumenti tal-każ COMP/M.3543, dwar il-konċentrazzjoni bejn Polski Koncern Naftowy Orlen SA u Unipetrol, skambjati bejn il-Kummissjoni u l-partijiet notifikanti u bejn il-Kummissjoni u t-terzi kif ukoll l-aċċess għad-dokumenti interni u għall-pariri legali stabbiliti f'din il-kawża hija annullata.*

(3) *Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(4) *Ir-Renju tal-Isvezja, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tad-Danimarka u Polski Koncern Naftowy Orlen għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.*

⁽¹⁾ ĠU C 129, 9.6.2007.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Lulju 2010 — Ryanair vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-342/07) ⁽¹⁾

(“*Kompetizzjoni — Konċentrazzjonijiet — Trasport bl-ajru — Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq komuni — Valutazzjoni tal-effetti ta' konċentrazzjoni fuq il-kompetizzjoni — Ostakoli għad-dħul — Effiċjenzi — Impenji*”)

(2010/C 221/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Ryanair Holdings plc (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: J. Swift, QC, V. Power, A. McCarthy u D. Hull, solicitors, u G.Berrisch, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: X. Lewis u S. Noë, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Aer Lingus Group plc (Dublin) (rappreżentanti: inizjalment A. Burnside, solicitor, B. van de Walle de Ghelcke u T. Snels, avukati, sussegwentement minn A. Burnside u B. van de Walle de Ghelcke); u l-Irlanda (rappreżentanti: D. O'Hagan u J. Buttimore, aġenti, assistiti minn M. Cush, D. Barniville u N. Travers, avukati)